

**Brussell, 7 ta' Marzu 2025  
(OR. en)**

**6479/25**

**ENER 30  
FISC 40  
ECOFIN 217  
ENV 104**

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pjan ta' Azzjoni għal enerġija affordabbli - Dibattitu ta' orjentazzjoni

---

Bil-ħsieb tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija tas-17 ta' Marzu 2025, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

**Nota ta' informazzjoni mill-Presidenza****Pjan ta' azzjoni għal enerġija affordabbli - tisħiħ tal-Unjoni tal-Enerġija**

B'rispons għall-kriżi tal-enerġija tal-2022-2023, l-UE implimentat diversi miżuri ta' emerġenza fuq terminu qasir flimkien ma' riformi strutturali fi ħdan id-Disinn tas-Suq tal-Elettriku.

Għalkemm il-prezzijiet tal-enerġija naqsu, dawn għadhom ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi. Kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, dan għandu impatt dejjem aktar negattiv fuq il-kompetittività globali tal-UE.

Biex tindirizza din l-isfida, dan l-aħħar il-Kummissjoni ppubblikat il-Patt għal Industrija Nadifa, sostnut minn Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli. Filwaqt li l-Patt għal Industrija Nadifa jiddeskrivi azzjonijiet biex id-dekarbonizzazzjoni tinbidel f'mutur tat-tkabbir għall-industriji Ewropej, il-Pjan ta' Azzjoni jistipula diversi miżuri konkreti fuq terminu qasir biex jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija għaċ-ċittadini, għan-negozji, għall-industrija u għall-komunitajiet madwar l-UE, filwaqt li titħaffef l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali tal-iffrankar tal-kostijiet biex titlesta l-Unjoni tal-Enerġija, jiġu attirati l-investimenti, u nkunu ppreparati aħjar għal kriżijiet potenzjali tal-enerġija.

It-tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija għandu jipprovi għajna immedjata lill-konsumaturi, filwaqt li swieq tal-enerġija integrati, li jiffunzjonaw tajjeb u dekarbonizzati aktar profondi huma l-aħjar mod biex jinkisbu prezzijiet tal-enerġija affordabbli fit-tul.

Il-miżuri deskritti fil-Pjan ta' Azzjoni jvarjaw ħafna f'termini tan-natura, iż-żmien meħtieġ, l-infurzabbiltà, is-sjieda, jew l-impatt. Xi wħud huma żviluppati bis-sħiħ, filwaqt li oħrajn ser jeħtieġu aktar riflessjoni. Il-Pjan ta' Azzjoni jisħaq b'mod ċar il-ħtieġa li titlesta Unjoni tal-Enerġija ġenwina, li oriġinat fl-2015, permezz ta' tliet faċilitaturi: suq tal-enerġija integrat bis-sħiħ, sistema tal-enerġija dekarbonizzata u suq tal-gass li jiffunzjona tajjeb aktar trasparenti u kompetittiv.

**Il-ministri huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar kif il-Pjan ta' Azzjoni għandu jitmexxa 'l quddiem, abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:**

- 1) Liema miżuri proposti mill-Kummissjoni – kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE – immirati lejn it-tnaqqis tal-kostijiet tal-enerġija x'aktarx li jkollhom l-akbar impatt fuq perjodu ta' żmien qasir jew medju, u għalhekk għandhom jingħataw prijorità?**
  
  - 2) Fit-terminu medju sa twil, liema miżuri oħra jistgħu jiġu previsti biex ikomplu jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija? L-Istati Membri jqisu li armonizzazzjoni akbar u parteċipazzjoni transfruntiera aktar b'saħħitha fil-qasam tal-mekkaniżmi ta' kapaċità jtejbu l-affordabbiltà ġenerali ta' tali mekkaniżmi?**
-